# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru 84**

**Rikors Nru. 2269/00GV**

**Doc. Nru. 62-01**

**Wara l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 2013/98 fl-ismijiet:**

**Catherine Spiteri**

**vs**

**Innocent Spiteri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors

Rat is-sentenza preliminari tal-14 ta' Dicembru, 2000;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Carmela u Innocent Spiteri jixhdu;

Semghet lill Avukat difensur jittratta ;

**TALBA**

Ir-rikorrent Innocenzo Spiteri qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 2013/98 li Catherine Spiteri harget kontra tieghu u dan a termini ta' l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal Kap 12.

L-intimata baqghet kontumaci.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrent ippremetta li l-intimata kienet harget mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra tieghu ghal Lm100,000 u gew sekwestrati flus li ma kienux jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u dan stante li hu wiret dawn il-flus minghand il-familja tieghu.

Illi hu qed jissottometti wkoll li anke jekk dawn il-flus sekwestrati kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-pretenzjonijiet ta' l-intimata ghandhom ikunu limitati ghal nofs dan l-ammont.

**Tikkunsidra**

Illi skond l-artikolu 1327 tal-Kap. 16, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1329, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun imsemmija f'dak l-artikolu.

Illi nonostante din od-disposizzjoni, l-artikolu 1330 tal-istess Kodici Civili jipprovvdi li "meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin".

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent ma jistax jissodisfa b'sehemu mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti t-talba ta' l-intimata li ghamlet meta harget

is-sekwestru, ghalhekk ir-rikorrent ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghal dan il-kreditu ta' l-intimata bil-beni parafernali tieghu.

Ir-rikorrent qed jissottometti ukoll li anke jekk dawn il-flus sekwestrati jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-pretenzjonijiet ta' l-intimata ghandhom ikunu limitati ghal nofs dan l-ammont.

Illi fil-kaz in ezami l-flus sekwestrati ma jifformawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti imma huma beni parafernali li ghandhom jaghmlu tajjeb taht l-artikolu 1330 u mhux bhala komunjoni ta' l-akkwisti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**